SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgha Numru 28/2021

24 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier

SKUŻATI:

Terrence Ellul – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

28.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qrat l-email ta' apoloġija li kien bagħat il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

28.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 27-2021**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 27-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li l-Minuti ma kienx hemm isem min kien ġie nominat għal premju Nazzareno Vassallo Award. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li l-applikazzjoni ma setghetx tiġi proċessati għaliex l-applikazzjoni kienet għalqet. Il-Kunsillier s-Sur Liam Sciberras qal li l-Kunsill seta' jinnominah sabiex jieħu Ġieħ Jum Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li din l-applikazzjoni għandha tgħaddi għand il-bord tal-Ġieħ il-Lokal.

Is-Sindku qalet illi kien hemm e-mail mibgħuta mill-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras. Is-Sindku qrat l-email u l-Kunsill qabel li l-punti li kien qed iqajjem permezz tal-e-mail għandhom jiġu diskussi waqt suggeriment mill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras issuġerixxa illi meta tintbagħat l-Agenda fuqha nistgħu ntellgħu l-link fejn ser tkun ser tidher il-laqgħa online.

Is-Sindku Charmaine St John ġiet skużata mil-laqgħa 6.14 u rritornat 6.15

28.3 **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru CM 27-21 għal perjodu bejn 30 ta' Marzu, 2021 sal-14 ta' Mejju, 2021 u minn ċekk numru BOV 8307 sa ċekk numru BOV 8326 u minn *Bank Transfer* 86-21sa 123-21.

28.4 **Rapport Finanzjarju – Rapport tal-Ewwel Kwart tas-sena 2021**

Is-Sindku Charmaine St John ressqet l-ewwel Quarterly Financial Statements Q1 (Jannar – Marzu 2021). Dan ġie appovat sabiex jiġi uploadjat.

28.5 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.5.1 Is-Sindku Charmaine St John qalet li l-Kunsill kien ser jieħu l-ammont ta' €32,000 mill-Agenzija Lesa sabiex jinxtara vann għal uzu fil-komunita'. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva.

28.5.2 Is-Sindku qalet li mal-ittra ta' apoloġija il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul kien bagħat ukoll li Triq il-Kaħwiela kien jinħtieġ li titranġa għaliex kien hemm it-tumbati. Il-kunsill qabel li għandna nqabbdu lill-Kuntrattur.

28.5.3 Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva lment rigward arblu tad-dawl fi Triq il-Frezja. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-aħjar mezz huwa li nmorru fuq il-post sabiex naraw x'kien jinħtieg.

28.5.4 Is-Sindku qalet li hija kienet iltaqgħet mas-Surġent u pulizija rigward il-Community Police. Hija spjegat kif kienet ser taħdem is-sistema ta' Community Police u li kienet ser tibda jopera minn Novembru ta' din is-sena.

28.5.5 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li xtaq iressaq suġġeriment li l-Community Police ikunu jistgħu jagħmlu sorveljanza waqt id-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola. Is-Sindku qalet li kienet ser tgħaddi dan is-suġġeriment.

28.5.6 Notice Board

Is-Sindku qrat talba sabiex teħel noticeboard fejn hemm il-boċċi *club*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ngħidulhom li jistgħu jagħmlu użu mill-parti l-bajda tan-notice board li diġa' hemm. (fejn ma hemmx mappa).

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li f'laqgħa preċidenti kien issuġerixxa li l-Kunsilll jagħmel disinn artistiku modern li turi l-preżenza ta' Santa Luċija sabiex titqiegħed fid-daħla tal-lokal. Il-Kunsill iddiskuta l-inizjattiva ta' *Right to Smile* u qabel li għandna nitolbu għal kwotazzjoni sabiex inkunu nistgħu nagħmlu l-parti li mhux ser jagħmlulna b'xejn.

28.5.7 Quddiesa 7 ta' Lulju,

Is-Sindku fakkret lill-Kunsilliera li nhar l-Erbgħa 7 ta' Lulju kienet ser taħbat Jum Santa Luċija u li parti miċ-ċelebrazzjonijiet kienet il-quddies fis-6:30pm. Kulħadd kien mistieden.

28.5.8 Bliss 2021

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex il-Kunsill jirreklama Ġnien is-Serenita' fuq magazine tat-tieġ. Is-Sindku qalet li ma kinitx tħoss li qed nolqtu numru kbir ta' nies b'dan ir-reklam għaliex illum permezz tal-medja soċjali kont tolqot firxa akbar ta' nies. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma nirreklamawx aktar u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel li sakemm isiru x-xogħolijiet fi Ġnien is-Serenita min jagħmel it-talba sabiex jikri l-Ġnien jew parti minnu kien ser jagħmel dan bil-kundizzjoni li jikrih tale kwale.

28.5.9 Kwotazzjonai għall uniformijiet.

Is-Sindku ressqet kwotazzjoni sabiex jinxtraw l-uniformijiet għall-iskrivani bl-ammont ta' 250 Euros kull sett. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni.

28.5.10 Cirk Akl 2021/056 Allotment Gardening Proposal – Community Gardening

Is-Sindku Charmaine St John ressqet proposta mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali sabiex l-Kunsill jindika art li tista' tintuża sabiex jinżergħu xi ħxejjex.

Il-Viċi Sindku qal li fil-fehma tiegħu din l-inizjattiva tista' toħloq problemi.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li din kienet inizjattiva li permezz tagħna nistgħu ninvolvu l-għaqdiet u t-tfal tal-iskola sabiex minn eta' żgħira jkunu mrawma jħobbu u jibżgħu għan-natura. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna napplikaw għal dan il-proġett pilota għal Triq il-Ġilju.

28.5.11 Kuntratt għal Drip Irrigation

Is-Sindku qalet li kien jinħtieġ li nevalwaw il-kuntratt għal drip Irrigation. Hija qalet li għal din is-sejħa kienu applikaw erba' operaturi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li s-Sindku tkun bħala Chairperson għall-evalwazzjoni filwaqt li l-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u l-Kunsilliera Kylie D'Amato jkunu parti mill-Bord.

28.5.12 Proġett minn Parks Malta

Is-Sindku spjegat li l-Kunsill kien ġie mwiegħed Proġett ġdid minn Parks Malta. Hija qalet li dan il-proġett ser isir fi Sculpture Garden, u li ser ikun imniedi nhar is-Sibt 17 ta' Lulju, 2021.

Is-Sindku qalet li dak in-nhar tal-laqgħa kellha laqgħa mal-Chinese Culture Centre li qalulha li x'aktarx li huma kienu ser jinvestu ukoll għal proġett ġdid.

28.5.13 Mobility Week

Is-Sindku qalet li Transport Malta kienu ħarġu żewġ inizjattivi fejn il-Kunsill seta' jibbenfika minn fondi, applikazzjoni waħda fejn il-Kunsill ikun jista' japlika biex jagħmel ġimgħa ta' attivitajiet sportivi u oħra bħala inizjattiva parmenenti fejn il-Kunsill iwettaq proġett sostenibbli favur trasport alternattiv. Hija qalet lill-Kunsilliera sabiex fil-laqgħa li kien imiss iressqu l-ideat tagħhom sabiex jiġu diskussi waqt l-istess laqgħa.

28.6 **Kuntratt tal-Knis u Ġbir tal-Iskart**

Is-Sindku qalet li bħal issa l-Kunsill kien għaddej minn problema kbira bil-kuntratt tal-Knis. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qablu li għandha tissejjaħ laqgħa mal-Kuntrattur u l-Contracts Manager sabiex niddiskutu l-Kuntratt u l-iskeda tal-knis.

28.7 **Circ 2021 2021/057 Temporary and reversable permit whereby Catering Establishments will be allowed to use an adjacent public space as an outdoor catering area.**

Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill kien approva talba sabiex il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex ħwienet tal-ikel ikunu jistgħu jarmaw l-imwejjed u siġġijiet u jagħmlu użu minn spazji barra għal żmien il-Covide 19. Il-Kunsill qabel.

28.8 **Rapporti**

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati dawn ir-rapporti:

Rapport ta' kull xahar maħruġ mill-Contracts Manager tal-kunsill li jinkludi rapport għax-xahar ta' 2021, *workplan* għax-xahar ta' Ġunju, 2021 kif ukoll rendikont tal-ħidma marbuta ma' dan is-servizz għax-xahar ta' Ġunju, 2021.

28.9 **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

28.9.1 Arja Pura u Nadifa

Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li kien jixtieq li l-Kunsill jieħu il-punt ta' Arja Pura u Nadifa bis-serjeta' u li għandu jeħel *device* sabiex ir-residenti jkunu avżati bil-kwalita ta' arju jkun hemm waqt li jkunu qed jagħmlu l-eżerċizzju fil-jogging track. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jekk ikun hemm xi skemi li permezz tagħhom inkunu nistgħu nibbenfikaw minn Air Pollutor għandha tiġi kkunsidrata.

28.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li tajjeb li l-Kunsill jixtri *bicycle rack* oħra għal komunita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill diġa' kien bagħat l-*purchase order* sabiex nixtru l-*bicycle rack* pero' l-kuntrattur minn fejn ordnajniha kien l-isptar u l-Kunsill kien qiegħed jistenna sabiex ikun jista' jwaħħalha.

28.9.2 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li xtaq jagħlaq dan is-suġġett favur arja nadifa billi ssuġerixxa li jsir Green wall. Is-Sindku kkonfermat li kien ser isir wieħed fil-jogging track.

28.9.3 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li xtaq jiċċara xi affarijiet rigward l-iskema tal-bini tal-Gvern. Huwa staqsa jekk il-Kunsill kienx applika sabiex anki fil-lokalita' ta' Santa Luċija jsiru xogħolijiet ta' munutenzjoni fuq il-binjiet tal-Gvern minn barra bħal postijiet oħra f'Malta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna nibagħtu talba lill-Awtorita' tad-Djar sabiex naraw x'inhuma l-kriterji biex nibbenfikaw minn skemi bħal dawn.

28.9.4 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li xtaq li l-Kunsill jiddiskuti l-kwistjoni tal-Bulky Refuse f'Santa Luċija. Huwa qal li l-kuntrattur għandu jiġbor sa tlett oġġetti biss ma kinitx tagħmel sens għal binja tal-Gvern fejn kien joqgħod huwa għaliex f'din il-binja kienu joqogħdu diversi familji u kulħadd kien iniżżel l-affarijiet li jrid jiddisponi minnhom isfel fil-komun. Il-kunsill iddiskuta u qabel li meta jiġu rrapurtati għandhom jiġu rrapurtati fuq diversi households.

28.9.5 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal li ma kienx jaqbel mal-minuti tal-proposta tal-*promenade* għaliex ma kinitx l-impressjoni ta' dak li ġara waqt il-laqgħa. Is-Sindku spjegat ir-riżoluzzjoni li kienet ttieħdet għall-proposta tal-*promenade* li l-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras aċċetta.

28.9.6 Il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qajjem punt li n-nies li kellhom garaxx fi Triq il-Prinjoli ma kinux ser jibqgħu jistgħu joħorġu mill-garaxx minħabba li ser tidjieq it-triq. Il-kunsill iddiskuta pero' ħadd ma qabel miegħu li ser ikun hemm din il-problema.

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar ġie skużat mil-laqgħa 6.36pm u rritorna 6.37pm.

Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras ma setax jmexxi l-agenda tal-Kunsill.

Is-Sur Liam Sciberras qal li kien jaf li kien qed isaqsi xi mistoqsijiet pertineti pero' ma setax jaċċetta li xi ħadd mill-Kunsill jgħid li kien qed jaħli l-ħin tal-Kunsill. Qamet konfużjoni sħiħa, fejn il-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras qal xi kliem mhux xieraq fil-konfront tal-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

Il-laqgħa kompliet

28.9.7 Il-Viċi Sindku staqsa rigward ir-rotta tal-karozzi tal-linja 83 jekk kienx sar xi żviluppi sabiex tibda tgħaddi kull nofs siegħa. Is-Sindku qalet li din ma kinitx ser issir il-ħin kollu u li Transport qegħdin jaħdmu fuqha.

28.9.8 Il-Viċi Sindu qal li l-bankina fi Vjal l-Indipendenza kellha l-bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku kkonfermat li din it-triq kienet ser ssir mill-ġdid fil-futur qarib.

Is-Sindku qalet li kienu ċemplulha mill-MTA sabiex joffrulha 15 il-globu li hija kienet aċċettat. Hija qalet li dawn meta jaslu jkunu jistgħu jeħlu fi Pjazza 7 ta' Lulju, 2021.

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar qal li kien qed iħoss li jixtieq jagħmel stqarrija minħabba l-atteġġjament tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras u b'dispjaċir qal li kemm ilu fil-Kunsill qatt ma jaf li kien dan it-tip ta' tgħajjir. Huwa qal li f'dan l-istadju jħoss li għandu jagħmel rapport lill-Bord tal-Governanza.

Is-Sindku Charmaine St John qalet li hija wkoll tħoss li għandha tagħmel rapport fil-konfront tal-Kunsillier is-Sur Liam Sciberras.

28.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-6.59p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 29 ta' Lulju, 2021 fil-5:00 p.m. Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2021.

Iffirmati
Charmainie St John
Sindku

Iffirmati
Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv